Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Numru 1330/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**KONTRA**

**STEFAN CACHIA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Stefan Cachia ta’ 17-il sena, bin Martin u Therese nee’ Carabott, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Novembru, 1989, residenti fil-fond numru 238, Casa Martina, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita’ numru 562089M

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli nhar is-Sibt, 16 ta' Dicembru, 2006, gewwa l-Belt Valletta:

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kusnens tas-sid;
jew
b. ghamel uzu xjentement ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew
c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa bil-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbin b'qerq, u cioe' diversi CDs, DVD films, u loghob tal-playstation, u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghall-qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jw xi haga ohra bi ksur tal-jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti tal-Ligi ta' Malta jew tahtha, bi ksur tal-Artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Wara li rat l-Artikolu 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Stefan Cachia hati tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti kontrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Barra minn hekk din il-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti ezebiti f’din il-kawza.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------